## 16 ta' Marzu, 1988

## Imħallef: –

## Onor. Joseph Camilleri B.A., LL.D.

Julian Sammut *noe*

*versus*

Joseph Schembri *et noe*

## Kreditu – Merkanzija

*L-attur fittex għal irkupru ta' kreditu fuq merkanzija kkonsenjata.*

*Minn analiżi tal-fatti, il-Qorti kkonkludiet illi l-verżjoni ta' l-attur kienet aktar attendibbli u laqgħet it-talbiet attriċi.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta li l-konvenuti xtraw mingħand is-soċjetà attriċi merkanzija li ġiet debitament ikkonsenjata; u premess li l-konvenuti għad fadlilhom iħallsu bilanċ ta' prezz fis-somma ta' elf, mitejn u disgħa u erbgħin lira u sitta u tmenin ċenteżmu (Lm1249.86) (Dok. A); u premess illi dan id-debitu huwa ċert likwidu u skadut u l-attur *nomine* qiegħed jippreżenta flimkien ma' din iċ-ċitazzjoni affidavit ġuramentat skond it-termini ta' l-artikolu 167(1) tal-Kap. 15 tal-Liġijiet ta' Malta (Dok. B);

L-istess attur *nomine* talab li din il-Qorti (1) tikkundanna l-konvenuti *nomine* jħallsu lill-attur *nomine* s-somma ta'

Lm1249.86; u (2) tiddeċidi l-kawża skond it-talba bid-dispensa tat-trattazzjoni;

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' ittra interpellatorja tat-18 ta' Frar 1985, *ta' ittra* uffiċjali ppreżentata fid-9 ta' Marzu 1985 u mandat ta' qbid ippreżentat illum, u bl-interessi legali mid-diversi dati tal-konsenji, kontra l-konvenuti *nomine;*

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-attur;

Rat illi fl-udjenza tat-8 ta' Novembru, 1985 il-konvenuti ngħataw il-permess biss jikkontestaw il-kawża;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li biha eċċepixxew:

1. Illi huma ma qablux ma' l-ammont dovut kif qed jippretendih l-attur *nomine* u dana peress illi ma kienx hemm qbil bejn dak miftiehem u dak li attwalment ġie kkonsenjat lill-istess ditta eċċipjenti;

2. Illi fi kwalunkwe każ kien sar arranġament bejn il-partijiet illi jitħallas bla preġudizzju l-ammont ta' Lm1000 (elf lilra) għas-saldu ta' kwalunkwe pretensjoni ta' l-attur *nomine;*

3. Illi effettivament l-istess eċċipjenti kienu bagħtu *cheques* tal-valur ta' Lm1000 (elf lira) lill-istess attur *nomine* li però bagħathom lura u ma aċċettahomx;

4. Għalhekk l-eċċipjenti *nomine* ma għandhom iħallsu l-ebda spejjeż;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-konvenut;

Eżaminat bir-reqqa l-provi kollha li tressqu kif ukoll l-atti l-oħra kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-avukati;

Ikkunsidrat:

Illi b'digriet tat-2 ta' Mejju 1986 ġie nnominat l-avukat Dottor Guido Saliba bħala assistent Ġudizzjarju, ġew miżmuma diversi seduti mill-assistent Ġudizzjarju li ġabar il-provi li pproduċewlu l-partijiet;

Jirriżulta li l-konvenuti ammettew li rċevew il-merkanzija msemmija fiċ-ċitazzjoni u li l-vertenza bejn il-kontendenti twieldet peress li parti mill-merkanzija (ċjoè *Action man* u *"uniforms")* intalab prezz aktar għoli milli kien intalab. Fir-rigward ta' partita preċedenti;

Jirriżulta li l-partijiet daħlu f'negozjati kemm bit-telefon u kemm b'korrispondenza qabel ma ġiet istitwita din il-kawża. Saru proposti u kontroproposti iżda ftehim finali ma ntlaħaqx u saret din il-kawża. Fil-mori tal-kawża jirriżulta li l-partijiet ittransiġew il-kawża iżda l-konvenuti ma ottemprawx ruħhom mal-ftehim milħuq u għalhekk hemm bżonn li l-kawża tiġi deċiża;

Illi l-attur isostni li wara li l-konvenuti kienu lmentaw dwar il-prezzijiet aktar għoljin ta' parti mill-merkanzija, hu kien ftiehem magħhom li jagħmel *"credit note"* ta' Lm76.80,0 u

kienu ftehmu li malli l-konvenuti Emmanuel Schembri jirċievi din il-"*credit note*" huma jħallsu l-ammont mitlub fiċ-ċitazzjoni ċjoè Lm1249.86. Il-"*credit note*" intbagħatet, iżda l-konvenuti ma ħallsux nonostanti l-promessi tagħhom. Meta kienu għaddew xi xhur u l-konvenuti baqgħu ma ħallsux l-attur ftiehem verbalment bit-telefon mal-konvenut Joseph Schembri fis-sens li jew isir ħlas per saldu immedjatament, tas-somma ta' Lm1000 jew inkella jkun hemm delazzjoni fil-pagament billi s-somma ta' Lm1249.86 titħallas permezz ta' *post dated cheques* b'erba' rati ugwali mifruxa fuq erba' xhur. L-attur ikkonferma din il-proposta f'ittra dak in-nhar stess li ntbagħatet lill-konvenut Joe Schembri (ara Dok. JS11). L-attur xehed li l-konvenut irrispondih b'ittra oħra (esibita bħala Dok. JS12). L-attur xehed hekk:

"F'din l-ittra huwa kkontradixxa dak li ftehmna fuq it-telefon fis-sens li qal li l-offerta tiegħi kienet tfisser riduzzjoni fil-bilanċ dovut għal Lm1000", u li dan l-ammont kien ġie miftiehem li jħallas f'erba' rati ugwali waħda kull xahar;

Ġiet esibita l-korrispondenza suċċedenti skambjata bejn il-kontendenti li minnha jirriżulta l-posizzjoni relattiva li ħadu l-partijiet;

Da parti tal-konvenuti xehed biss il-konvenut Emmanuel Schembri. Il-konvenut Joseph Schembri ma xehedx f'din il-kawża u għalhekk, din il-Qorti jidhrilha li l-kontestazzjoni tal-konvenuti bl-ebda mod ma ġiet debitament sostanzjata. Inoltre, għandu jingħad li bejn iż-żewġ verżjonijiet, din il-Qorti tinklina li taċċetta l-verżjoni li ta l-attur mhux biss għax ikkonfermata minnu bil-ġurament iżda wkoll anke wara li ntlaħqet transazzjoni fil-mori tal-kawża, is-soċjetà konvenuta ma ottemperatx ruħha

mal-ftehim milħuq u b'hekk uriet ċertu nuqqas ta' *bona fidi* fir-relazzjonijiet kuntrattwali tagħha mas-soċjetà attriċi;

Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi u fl-isfond tal-provi akkwiżiti għall-proċess din il-Qorti jidhrilha li l-konvenuti *nomine* ma ssostanzjawx adegwetament l-eċċezzjonijiet tagħhom. Lanqas hu l-każ li din il-Qorti taddotta t-transazzjoni milħuqa bejn il-kontendenti fil-mori tal-kawża, peress li l-partijiet ma għamlu l-ebda talba f'dan is-sens u inoltre ma ġietx esibita ebda skrittura li tikkonferma sewwa l-ftehim ta' transazzjoni milħuq;

Għal dawn il-motivi, prevja li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u fil-waqt li tiċħad it-tieni talba ta' l-attur, tilqa' l-ewwel talba tiegħu u għalhekk tikkundanna lill-konvenuti *nomine* li jħallsu lill-attur *nomine* s-somma ta' Lm1249.86 (elf mitejn u disa' u erbgħin lira Maltija u sitta u tmenin ċenteżmu) u bl-imgħax legali kif mitlub. L-ispejjeż kollha jitħallsu mill-konvenuti *nomine*.